**8 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Dottor Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Dottor Remigio Zammit Pace *noe et*

*versus*

Joseph Magro

**Danni – Assigurat – Surrogat – Incident Awtomobilistiku**

*L-attur assikuratur issurrogat fittex sabiex jirkupra danni mħallsa lill-assikurat tiegħu konsegwenti għal incident awtomobilistiku. Il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu u kkundannat lill-konvenut iħallas id-danni għall-incident.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tas-6 ta' Marzu, 1992, li bih l-attur *nomine* wara li ppremetta illi fit-23 ta' Mejju, 1991, f'xi d-9 ta' fil-għodu f'Valletta Road, Kirkop, il-konvenut, waqt li qed isuq il-*Bowser* Numru M-1491, f'post fejn hu pprojbit li vettura taqbeż vettura oħra, issorpassa l-karrozza numru V – 1576, proprjetà ta' l-attur John Mangion u minnu misjuqa dak il-ħin, ħabat magħha u għamlilha ħsara konsiderevoli u li għalhekk il-konvenut kien responsabbli għall-kollizzjoni fuq indikata u għad-danni minnha riżultanti;

U wara li ppremetta illi fit-tiswija tal-ħsara l-attur *nomine*, li miegħu hija assigurata l-karozza fuq imsemmija taħt

*"comprehensive cover"*, nefaq is-somma ta' Lm334.10 – kompriżi f'din anke spejjeż aċċessorji, u l-attur John Mangion għall-istess raġuni nefaq is-somma ta' Lm80.00 u li l-konvenut interpellat biex jagħmel tajjeb għall-ħsara baqa' inadempjenti;

Jgħid il-konvenut għaliex dina l-Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli għall-kollizzjoni fuq indikata;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm414.10, kwantu għal Lm354.10 lill-attur Dottor Remigio Zammit Pace *nomine*, u kwantu għal Lm80 lill-attur John Mangion;

Bl-interessi legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Lulju, 1991, u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali u tal-mandat tal-qbid numru 360/92 maħruġ fis-6 ta' Marzu, 1992;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-inċident sar unikament a tort ta' l-attur John Mangion kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi s-soċjetà attriċi *Elmo Insurance Services Limited*, trid tipprova li ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-attur l-ieħor John Mangion;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid jipprova l-ammont ta' danni minnu allegati;

5. Illi l-konvenut m'għandux iħallas l-ebda danni, spejjeż u imgħax;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' April, 1992, li bih innominat lill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi, bħala perit legali biex jassistiha;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali;

Rat il-verbal li bih il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-inċident stradali mertu tal-kawża ġara f'Valletta Road, Ħal-Kirkop, fl-inħawi tal-mina li tagħti għaż-Żurrieq, taħt ir-*runway* ta' l-Ajruport. Jirriżulta illi waħda mill-mini, u ċjoè dik li tieħu traffiku lejn il-Belt, kienet magħluqa minħabba xi xogħlijiet u allura l-mina l-oħra kienet qed tiġi utilizzata biex tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet opposti. Ġie ppruvat illi l-Pulizija ħadu l-prekawzjonijiet li kienu fid-dover tagħhom li jieħdu biex jiżolaw it-traffiku fiż-żewġ sensi opposti, permezz ta' barrieri tal-ħadid marbutin ma' xulxin bil-ktajjen, it-tul kollu tat-*tunnel* u jibqgħu ħerġin għal ċertu distanza sa barra l-mina, b'mod li ġiet indikata sewwa d-devjazzjoni tat-traffiku. Ftit 'il barra mill-bokka tal-mina, imma aktar 'il fuq minn fejn ġara l-inċident, tpoġġiet rampa tal-ħadid fit-triq tal-karrozzi sejrin lejn iż-Żurrieq, biex tirrallenta l-veloċità tagħhom. Importanti

wkoll, u dan hu rilevanti għall-fini tar-responsabbilità, illi fil-kurva qabel it-traffiku jaqbad il-mina u ftit aktar 'l isfel lejha, kien hemm imqiegħda żewġ sinjali temporanji jgħidu "*No overtaking*". Dawn kienu ordnijiet perenotrji lit-traffiku li jżomm strettament in fila u ma jaqbiżx, proprju biex jiġi assigurat li jkun hemm tfixkiel mill-anqas fil-passaġġ minn ġol-mina, kif allura rregolat. L-inċident ġara bejn karrozza *Peugeot* misjuqa mill-attur Mangion, assigurat mad-ditta assikuratriċi u *bowser Commer* misjuq mill-konvenut. Iż-żewġ vetturi kienu qed jiġu misjuqa fl-istess direzzjoni lejn iż-Żurrieq. Il-*Peugeot* kienet fil-mument ta' l-inċident fuq in-naħa ta' ġewwa ta' dik il-parti tal-karreġġata li kienet qet tieħu t-traffiku lejn iż-Żurrieq, jiġifieri n-naħa tal-ħajt tax-xellug tagħha, il-*bowser* dak il-mument kien fil-parti estrema lemin, qed jiġi misjuq viċin il-barriera tal-ħadid imsemmija;

Il-perit legali hekk irrelata dwar ir-responsabbilità għall-inċident:

"L-esponent jikkontendi illi t-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu akkolti u li jiġi ddikjarat li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni ... Mill-iskizz jidher li l-vettura tal-konvenut qiegħda f'posizzjoni skuntrata u mhux dritta. Dan neċessarjament ifisser illi meta dar id-dawra, ġibed lejn il-karreġġata li qiegħed fiha fl-iskizz fit-tieni waħda mix-xellug iżda fil-fatt l-ewwel waħda biex jgħaddi taħt il-mina). Meta għamel dan, huwa kaxkar il-vettura ta' l-attur (Mangion)...";

Il-Qorti taqbel ma' dan l-apprrezzament tad-dinamika ta' l-inċident. L-iskizz infatti jipprova b'mod konklussiv illi l-*Peugeot* ta' l-attur kienet u baqgħet dejjem fuq dik il-parti tal-karreġġata li kienet qed tittraversa, dejjem viċin il-ħajt tax-xellug tagħha.

Il-*bowser* tal-konvenut għall-kuntrarju hu angolat sew lejn il-lemin tiegħu, b'mod li jidher ċar illi l-konvenut kien, appena dar il-kantuniera, għadda mix-xellug għal-lemin tal-*lane*, biex ifittex jieħu postu fid-dritt għal-lemin. Hu ovvju li din ma kellhiex tkun il-manuvra tal-konvenut. Hu kien fid-dover li jgħaddi għall-parti estrema leminija tal-*lane*, **fid-dritt u mhux angolat** waqt li jagħti senjalazzjoni bl-*indicator* lit-traffiku l-ieħor ta' l-intenzjoni tiegħu. Mix-xiehda tal-konvenut stess jirriżulta li hu pprova jbiddel il-*lane* f'kurva u dana hu wkoll imprudenti. "Jiena ngħid li l-*bowser* kien angolat ftit lejn in-naħa tal-lemin tiegħu, **għaliex kont għadni qed nagħmel il-manuvra biex indur** u wasalt biex nispiċċaha". Rilevanti li hu jafferma li qabel beda l-manuvra, huwa ħares lejn ix-xellug tiegħu fejn irriżulta li kien hemm il-vettura ta' l-attur "imma ma rajt lil ħadd". L-attur ukoll jaqbel li kien f'dak il-mument li ġara l-inċident;

"Jiena bqajt ngħajjat biex nattira l-attenzjoni tal-*bowser* appena rrealizzajt x'kien ser jiġri u **waqaft immedjatament malli beda jħakkek miegħi. Naqbel li malli beda jikser tani d-daqqa fuq wara.** Ma kienx hemm ċans biex jiena nieħu *evasive action* ... Fil-fatt safejn niftakar jiena **kif dar mill-ewwel messni**";

Bil-manuvra azzardata li għamel, proprju wara liwja fit-triq, il-konvenut ikkreja perikolu serju, kemm għat-traffiku li kien jinsaq warajh, kif ukoll għal dak li kien, bħall-attur, fuq ix-xellug tiegħu. In fatti d-daqqa fuq il-*Peugeot* kif tidher fuq ir-ritratt hi indikattiva illi kien il-*Commer* li **kaxkar il-karozza** ta' l-attur u mhux li din **baqgħet dieħla** fil-*Commer*. Hu f'waqtu li jiġi nnotat illi n-natura straordinarja tax-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-mina, kienet tirrikjedi l-massima prudenza fis-sewqan u jirriżulta li l-awtoritajiet kompetenti, almenu f'din l-

okkażjoni, jidher li ħadu ħsieb ir-regolament tat-traffiku b'mod ordnat u li ħadu kull prekawzjoni biex jagħtu lid-*drivers* is-senjalazzjonijiet ġusti u *meħtieġa* u f'waqthom biex jattiraw l-attenzjoni tagħhom. Taħt dan l-aspett allura, il-konvenut ma jista' jkollu l-ebda skużanti u infatti ma hu qed javvanza l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens;

Ir-responsabbilità għall-inċident għandha għalhekk, kif irrelata l-perit legali, tiġi addebitata unikament *lill*-konvenut u dana wkoll għax ma tirriżulta l-ebda responsabbilità jew *kontributorjetà għalih da parti ta' l-attur, Mangion;*

Fir-rigward tad-danni sofferti, konsegwenzjali għall-inċident, l-attur qed jirreklamaw is-somma komplessiva ta' Lm414.10,0. Minn dan l-ammont id-ditta assikuratriċi qed tippretendi s-somma ta' Lm354.10,0, li hi ħallset fl-interess ta' l-attur l-ieħor John Mangion, in forza tal-polza ta' assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura ta' Mangion. L-attur Mangion qed jippretendi s-somma ta' Lm80 f'danni mhux koperti bil-polza *li jinkludu l-excess* u l-*kiri ta' karozza alternattiva. Il-perit legali* immodifika marġinalment l-ammont dovut lid-ditta attriċi għal-Lm321, waqt li żamm ferm l-ammont dovut lill-attur Mangion. Il-Qorti taqbel mar-relazzjoni peritali anke f'dan ir-rigward u ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni dwar id-danni mill-konvenut;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, previja l-adozzjoni tar-rapport peritali fl-interezza tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut hu unikament responsabbli għall-inċident imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni; tillikwida d-danni konsegwenzjali għall-inċident fis-somma

komplessiva ta' erba' mija u lira Maltija u tmenin ċenteżmu (Lm401.80,0), li minnhom is-somma ta' tliet mija u wieħed u għoxrin lira Maltija (Lm321.00,0) hi dovuta lid-ditta attriċi bħala ssurrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha, l-attur John Mangion, waqt li s-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80.00,0) hi dovuta lill-istess John Mangion; tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dawn is-somom hekk determinati;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut. *Stante* li l-ammont b'din is-sentenza deċiż hu sostanzjalment l-istess bħala dak pretiż mill-atturi sa minn qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni, jiddekkorru l-imgħax mid-data tan-notifika lill-konvenut ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Lulju, 1992, sad-data ta' l-effettiv pagament.